**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**Michael Azzopardi**

Illum 28 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Azzopardi, ta' 54 sena, bin il-mejtin Paul u Maddalena nee' Borg, imwieled ir-Rabat, fit-3 ta' Novembru 1958, residenti 1, Triq ir-rghajja, Rabat, detentur ta' karta tal-identita' 730558(M).

Akkuzat talli f'Gunju 2013 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-istampa.

Talli bhala negozjant hekk kif specifikat fil-Kap 480, naqas milli jzomm registru b'inventarju ta' kull arma tan-nar u munizzjon u ta' kull darba li jircievi jew inehhi, taht liema titolu jkun, xi arma tan-nar u munizzjoni ghal-liema raguni tkun, huwa kellu jnizzel jew jara li jitnizzel bil-miktub fir-rgistru dan bi ksur tal-artikoli 15 (1) (a), (b), (c), (d) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess dati, lokalijitajiet u cirkostanzi bhala detentur ta' licenzja naqas milli jzomm u jikkonserva r-registru ghal daqstant zmien sakemm huwa jibqa' jkollu dik il-licenza, liema registru ghandu, fid-data meta jigi depozitat, ikun iffirmat kif imiss mid-detenur tal-licenzia u kontrosenjat mill-Kummissarju jew minn ufficjal li jkun gie awtorizzat.

Talli kellu hazna ta' aktar minn tnax il-elf balla bhala munizzjon fil-fond tieghu.

U aktar talli ikkunsinna arma jew munizzjoni lil xerrej li ma kellux fil-pussess tieghu licenzja.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-ogetti kollha esebiti ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-Ispettur Ferris jixhed[1] li ghall-habta ta' nofs Mejju 2013 huwa beda jinvestiga allegazzjonijiet fuq armi li ma kellha x'taqsam xejn mal-imputat odjern. Lejn l-ahhar ta' Mejju/bidu ta' Gunju tal-istess sena l-ufficjal prosekutur kien irrintracca *lot number* mal-fabbrika Bornaghi fejn kienu gew elevati daqs ghaxart ijiem qabel 50,000 skartocc li kienu se jigu esportati illegalment. Kien gie stabbilit li dan il-*lot number* kien jappartjeni lill-imputat. B'hekk l-ufficjal investigattiv mar fil-hanut tal-imputat u talab li jara r-registru tal-armi u ma kienx gie muri dan ir-registru li jrid ikun fih in-numru tal-licenzja, moviment, dhul u hrug tal-armi u munizzjon. Kien gie muri djarju b'hafna tahziz [2] . Sussegwentement kien ha zewg stqarrijiet tal-imputat. L-ufficjal prosekutur talab ukoll lis-Scene of Crime Officers sabiex imorru mieghu fil-hanut tal-imputat u jiehdu xi ritratti billi mad-daqqa t'ghajn meta dahal fil-hanut ra ammont kbir ta' stock ta' oltre 12,000 munizzjon permess li jista' jkollu arms dealer. L-imputat ikkopera bis-shih fl-investigazzjoni. In kontro-ezami l-ufficjal prosekutur ikkonferma li l-50,000 skartocc li semma kienu dahlu f'Malta b'mod legittimu mill-imputat. Infatti x-xhud Charlie Bugeja, Managing Director tal-kumpanija GMC Transport, xehed[3] li l-kumpanija tieghu topera fis-settur tas-shipping mill-Ewropa ghal Malta. L-imputat, li ghandu n-negozju tal-armi, huwa klijent tal-kumpanija tieghu u jgorrlu l-merkanzija li jbiegh mill-hanut fosthom munizzjon. Huwa pprezenta manifest[4] tax-xoghol tal-iskratac tad-ditta Bornaghi.

PC 1600 Gilbert Gatt[5] xehed li kien mar fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Ferris u flimkien ma' kollega tieghu hadu nota tal-istokk ta' skratac li kien hemm gol-hanut u kkonferma d-dokument imhejji minnhom. PS 637 Kevin Manicolo[6] ikkonferma r-ritratti mehuda minnu fuq il-post.

[1] Seduta tat-2 ta' Marzu 2015
[2] Dok JF 5
[3] Seduta tas-6 ta' Lulju 2015
[4] Dok CB4
[5] Seduta tat-2 ta' Marzu 2015

Tressqu xhieda wkoll ohra sabiex jigi spjegat il-process ta' kif isir il-hatt tal-armi u munizzjoni u fejn u kif ghandhom jinzammu.

Illi inkwantu ghalll-imputazzjonijiet jinghad li mill-atti ma tirrizulta l-ebda prova li l-imputat assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta sabiex jigi kommess xi delitt. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax ippruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni giet ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi. Infatti l-artikoli 15(1) tal-Kapitolu 480 jipprovdi testwalment:

*"Kull min ikollu liċenza taħt dan l-artikolu għandu jżomm reġistru b'inventarju ta' kull arma tan-nar u munizzjon u ta' kull darba li jirċievi jew ineħħi, taħt liema titolu jkun, xi arma tan-nar jew munizzjon għal-liema raguni tkun, huwa għandu jniżżel jew jara li jitniżżel bil-miktub fir-reġistru dan il-fatt billi jispeċifika:*

*(a) l-isem, il-kunjom, numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu, x'ikun ix-xogħol u l-post ta' residenza tal-persuna li minn għandha jkun irċieva l-armi regolari jew il-munizzjon jew lil min dawn ikunu ser jiġu kkunsinnati;*

*(b) l-għadd jew il-kwantità ta' armi regolari jew munizzjon u d-data meta jirċevihom jew ineħħihom;*

*(ċ) id-deskrizzjoni tal-armi regolari tal-munizzjon u t-tip, l-għamla, il-mudell, il-kalibru u n-numru ta' serje ta' kull arma regolari u ta' kull modifika li tista' tkun saritilhom;*

*(d) in-numru tal-liċenzja li jkollha l-persuna li lilha jiġu trasferiti l-arma regolari jew il-munizzjon."*

Fl-ewwel lok jirrizulta li l-imputat huwa *licensed firearms and ammunition dealer* u ghandu hanut. Mid-djarju li gie muri l-ufficjal prosekutur li gie ezebit ukoll f'dawn il-proceduri huwa altru milli evidenti li d-dispost tal-ligi ma giex osservat.

It-tielet imputazzjoni tirreferi ghall-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li *"Id-detentur ta' liċenzja għandu jżomm u*

*jikkonserva r-reġistru għal daqstant żmien sakemm huwa jibqa' jkollu dik il-liċenza, liema reġistru għandu, fid-data meta jiġi depożitat, ikun iffirmat kif imiss mid-detentur tal-liċenza u kontrosenjat mill-Kummissarju jew minn uffiċjal li jkun ġie awtorizzat għaldaqstant minnu."* Tali imputazzjoni wkoll tirrizulta ippruvata.

Illi inkwantu ghat-tieni u t-tielet imputazzjoni mix-xhieda prodotti jirrizulta li kien hemm dizgwid anki mill-awtoritajiet dwar il-mod ta' x'kellu jitnizzel f'dan ir-registru proprju minhabba armi u munizzjon godda. Illum dawn id-diffikultajiet gew sorvolati in vista ta' tibdil fil-ligijiet relevanti.

Inkwantu ghar-raba' imputazzjoni l-imputat qieghed jigi akkuzat li kellu hazna ta' aktar minn tnax-il elf balla bhala munizzjon fil-fond tieghu. Fil-fatt il-ligi kif kienet fiz-zmien tal-imputazzjonijiet kienet tipprovdi proprju li persuna licenzjata li tbiegh l-munizzjon ma setax ikollha aktar minn 12,000 stock. Fil-mori tal-proceduri odjerni l-ligi giet emendata b'tali mod li ziedet sostanzjalment l-ammont ta' munizzjon li detentur tal-licenzja jista' jkollu.

Illi permezz tal-Avviz Legali 206 tas-sena 2015 il-Legislazzjoni Sussidjarja 480.02 giet emendata u r-regolament 34(c) kif jaqra wara l-emenda jipprovdi li d-dentur ta' licenzja *"m'għandux jaħżen aktar minn mitejn u ħamsin elf balla bħala munizzjon għall-armi tan-nar li jaqgħu taħt il-partita 5 tal-iSkeda II tal-Att u ħamsa u sebgħin elf balla bħala munizzjon tar-ram fil-fond".*

Illi fis-sentenza taghha tat-2 ta' Mejju 1994, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Grima**, il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-waqt li ghamlet referenza ghan-noti tal-Professur Sir Anthony Mamo hawn fuq citati, qalet hekk:

*"9. F'materja kriminali, ghall-inqas, il-ligi procedurali hija min-natura taghha retroattiva. Jigifieri bhala regola, ghal dak li jirrigwarda procedura, il-ligi li ghandha tigi applikata hija dik in vigore fi zmien il-proceduri, minkejja li fi zmien il-kommissjoni tar-reat il-proceduri setghu kienu regolati b'ligi differenti. Dan huwa applikabbli irrispettivament minn jekk il-ligi precedenti kinitx izjed jew inqas favorevoli ghall-imputat.*

*10. Il-ligi sostanzjali, ghall-kuntrarju, bhala regola, ma tapplikax retrospettivament. Ghandha tigi applikata l-ligi in vigore fid-data tal-kommissjoni tar-reat, sakemm ma tkunx inqas favorevoli ghall-imputat."*

Illi ghalhekk in vista li l-ligi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kienet anqas favorevoli ghall-imputat ghandha tigi applikata l-ligi kif emendata. In vista ta' dan l-imputat mhux qieghed jinstab hati tar-raba' imputazzjoni.

Il-hames imputazzjoni ma tirrizultax ippruvata in vista li ma ngabitx prova li l-imputat ikkunsinja xi arma jew munizzjon lil xi persuna li ma kellux licenzja.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, wara li rat l-artikolu 15 (1)(a)(b)(c)(d) u 15(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf mija u erba' u sittin euro u disa' u sittin centezmu (€1,164.69).

Billi ma gew prezentati ebda oggetti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni ghal konfiska tal-oggetti ezebiti.

Tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni ghal kundanna ghal hlas ta' spejjez billi ma jirrizultax li gew inkorsi spejjez relatati ma' hatra ta' esperti.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat